TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1761

KAZ 2341

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Francesco Toledo

u

Vittoriosa Gaming Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 5 ta' Marzu 2007.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie rifereit lit-Tribunal Industrijali b'Nota prezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fit-18 ta' Jannar 2006.

It-Tribunal zamm ghaxar seduti.

Francesco Toledo, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien asasistit mill-Avukati Marvic DeBarro u Anthony Cutajar waqt li Vittoriosa Gaming Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kunpanija", kienet rapprezentata minn Miljan Miljanic u Marco Battaglia assistiti mill-Avukati Michael Psaila u Simon Tortell.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li gie mkecci minghajr raguni gusta u sufficjenti, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet drastika u eccessiva u li l-procedura uzata mill-Kumpanija ma kienetx korretta.

Il-Kumpanija kkontendiet li l-appellant naqas li jwettaq id-doveri li kienet tirrekjedi l-kariga tieghu ta'*dealer* u f'diversi okkazzjonijiet ghamel zbalji, li gew ripetuti, kemm fi hlasijiet lill-klijenti, fl-accettazzjoni tal-loghob u fit-twettieq ta' doveri ohra.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li l-Kumpanija tterminat l-impieg ta' l-appellant minhabba numru ta' nuqqasijiet kif elenkati fl-Istqarrija tal-Kaz (Dok A sa R). Ir-rapporti dwar dawn gew konfermati biex xhieda ta' min ghamilhom.

Jirrezulta li l-bicca l-kbira mir-rapporti saru bejn ufficjali tal-Kumpanija u ma ntbatghux lill-appellant. Il-Kumpanija tghid li dwar dawn ir-rapporti kienet tingibed l-attenzjoni ta' l-appellant mis-superjuri diretti tieghu. L-appellant jghid li kull meta kellmuh dwar xi nuqqasijiet dan kien biss f'sens ta' korrezzjoni kif kien isir ma l-impjegati l-ohra fuq hwejjeg simili.

Kienu biss Dok.J (13/11/05 – dwar l-gheluq tal-mejda b'*chip* ta' Lm 100 nieqsa), Dok L (15/11/05 – dwar diversi nuqqasijiet ta' procedura), Dok O (23/11/05 – dwar hlas doppju ta' rebh ta' Lm20 u Dok Q (25/11/05 – dwar dhul mhux awtorizzat fis-Security Base) li gew indirizzati lill-appellant u nghatawlu. Wahda biss minn dawn (Dok O) giet indikata mill-Kumpanija bhala *written warning*.

L-appellant jghid li qatt ma gie mwissi mill-Kumpanija li mhabba xi nuqqasijiet kien qed jipperikola li jitlef l-impieg u anqas inghata opportunita li jiddefendi ruhu dwar akkuzi li mhabba fihom il-Kumpanija tghid li tterminatlu l-impieg.

Wara li kkonsidra x-xhieda u d-dokumenti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :

- l-appellant kien hati ta' nuqqasijiet li whud minnhom kienu ta' detriment ghal-Kumpanija izda ebda wahda minn dawn ma kienet wahedha gravi tant li timmerita tkeccija ;
- il-Kumpanija ma hassetx il-htiega li twiddeb serjament lill-appellant dwar nuqqasijiet jew li twissih li dawn setghu jwasslu ghal tkeccija.;
- il-Kumpanija kellha sistema li dwar certi nuqqasijiet tigbed l-attenzjoni ta' l-impjegati fi spirtu ta' korrezzjoni u ma tiehux passi dixxiplinarji jew tati twissijiet ufficjali bil-miktub ;
- F'dan il-kaz f'salt wiehed harget ittra ta' tkeccija minghajr ebda pre-avviz.

It-Tribunal jikkonsidra li l-procedura li addottat il-Kumpanija biex waslet ghat-tkeccija ta' l-appellant kienet hafna l-boghod minn dak mistenni taht il-Ligi tar-Relazzjonijiet Industrijali u kien nuqqas serju hafna taghha li ma tatx lill-appellant opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu.

It-Tribunal jiddeciedi li, ghalkemm l-appellaqnt kellu xi nuqqasijiet, minhabba li ma nghatax opportunita xierqa li jiddefendi ruhu , t-tkeccija ma tistghax titqies li saret ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi.

It- Tribunal jordna li l-Kumpanija thallas kumpens ta' Lm 1250 lill-appellant mhux aktar tard mill-30 ta' April 2007.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B 'hekk itemm din it-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja